# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.1

**Kap 3: Il-qalb tajba**

**Lezzjoni 3.1: Nagħżel it-tajjeb**

**L-Għanijiet:**

L-istudenti:

1. Jifhmu li mhux kulma jidher tajjeb hu verament tajjeb.
2. Jaħsbu ftit f'affarijiet li tajjeb li jagħmluhom għax huma affarijiet tajbin.
3. Jaħsbu wkoll f'affarijiet li jaħsbu li huma ħżiena allura żgur ma jagħmluhomx.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint bi stampi ta' azzjonijiet tajbin u ħżiena.
- Karta ta' Taħriġ 3.1.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Iftaħ il-lezzjoni billi turi stampi mħalltin ta' nies li qegħdin jagħmlu affarijiet ħżiena u affarijiet tajbin.
- Staqsi lit-tfal dwar kull stampa biex toħroġ l-azzjoni jekk hijiex tajba jew ħażina.
- Iddiskutu ftit il-valur ta' x'inhu dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Sib stampi ta' nies jgħinu lil xulxin, nies jgħannqu lil xulxin, nies iħennu għal xulxin imħalltin ma' stampi ta' nies jiġġieldu, jisirqu, jagħmlu ħsara fil-propjeta ta' ħaddieħor.
2. Qajjem diskussjoni jekk ikun hemm min ipoġġi azzjoni ħażina fil-grupp tat-tajbin.
3. Għaddi għal dak li tajjeb li jagħmlu t-tfal. Tajjeb li nagħżlu dejjem li nagħmlu dak li hu tajjeb għax hekk inkunu ferħanin, għax hekk irid Alla u hekk ngħixu f'soċjetà aktar tajba għal kulħadd.



## L-attività tal-aħħar tal-lezzjoni

1. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.1 u spjega u ddiskuti dak li jidher f'Attività 1. Tista' bħala klassi taħdmu flimkien din l-attività.
2. Iġbed l-attenzjoni għall-Attività 2 u wkoll iddiskuti mat-tfal dawn is-sitwazzjonijiet u stieden lil kull persuna biex tniżżel Iva/Le ħdejn kull cirkustanza.
3. Spjega l-Attività ta' Sam u Tara. Wara diskussjoni, oħroġ minnha kemm hu għaqal li nibżgħu għall-affarijiet u ma niħdux l-affarijiet tal-oħrajn.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Nagħżlu bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin.
2. Nagħrfu li meta nagħmlu dak li hu tajjeb inkunu nagħmlu l-ġid lill-oħrajn u lilna nfusna.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal jifhmu li dak li hemm bżonn li jagħmlu llum u jagħmluh.
2. Importanti li qabel jużaw xi affarijiet tal-oħrajn jieħdu l-permess mingħandhom.



**Nitolbu**

Mulej Ġesù,

Agħtina l-għajnuna biex matul il-ġurnata nagħmlu dejjem it-tajjeb.

Għinna aktar meta nagħmlu l-ħażin biex nindunaw nirranġaw il-ħażin li għamilna.

